P10_TA(2025)0023

Ħatra ta' membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2025 dwar il-proposta għall-ħatra ta' membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (N10-0004/2025 – C10-0030/2025 – 2025/0901(NLE))

(Approvazzjoni)

(C/2025/3160)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-19 ta' Frar 2025 għall-ħatra ta' Radek Urban bħala Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (C10-0030/2025),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess wara l-impjieg fis-servizz pubbliku ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 135 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0024/2025),

A. billi l-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jipprevedi li l-membri tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni msemmi fl-Artikolu 43(1), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-mertu, il-ħiliet, l-għarfien dwar kwistjonijiet bankarji u finanzjarji, u tal-esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni finanzjarji kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-banek;

B. billi l-Parlament huwa impenjat li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri fl-ogħla pożizzjonijiet fil-qasam tas-servizzi bankarji u finanzjarji; billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha nazzjonali u tal-Unjoni għandhom jimplimentaw miżuri konkreti biex jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri;

C. billi, f'konformità mal-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, fil-15 ta' Jannar 2025 il-Kummissjoni adottat lista mqassra għall-kariga ta' Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni;

D. billi, f'konformità mal-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Kummissjoni pprovdiet il-lista mqassra lill-Parlament;

E. billi, fid-19 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni adottat proposta biex Radek Urban jinħatar bħala Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u bagħtet dik il-proposta lill-Parlament;

F. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji imbagħad ipproċeda bl-evalwazzjoni tal-kredenzjali tal-kandidat propost għall-funzjonijiet ta' Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

G. billi, fit-3 ta' Marzu 2025, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji kellu seduta ta' smigħ ma' Radek Urban, li fiha huwa għamel stqarrija preliminari u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra ta' Radek Urban bħala Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għal perjodu ta' ħames snin;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/806/oj.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2019)0211.
([3]) Testi adottati, P9_TA(2020)0017.